**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 21 ta' Frar, 2019.**

**Rikors nru: 244/18 AGV**

AB (ID nru: 518581M)

vs

1. CD (ID nru: 66892M)
2. Kuratur ad litem tal-minuri EB
3. Direttur Registru Pubbliku

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fis- 17 ta' Settembru 2018, li permezz tieghu ppremetta u talab is-segwenti:- [1]

1

1. L-attur kellu relazzjoni mal-konvenuta CD u fl-istess perjodu l-istess CD welldet lit-tifla E;
2. Illi l-esponent u l-konvenuta CD rregistraw lit-tifla fuq l-att bhala l-wild naturali tal-esponent kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid numru 3430/2018, (kopja tac-certifikat anness u mmarkata bhala Dokument A).
3. Illi mit-testijiet ta' DNA, datat 7 ta' Awwissu 2018, irrizulta li l-missier naturali ta' EB mhux l-esponent AB, u b' hekk ic-certifikat tat-twelid kif inhu registrat m' hux korrett.
4. Illi meta twildet it-tifla E, l-esponent, ma kienx a konoxxenza tal-fatt li t-tifla ma kienetx bintu sakemm irrizlta mit-test tad-DNA;
5. Illi kif jirrizulta waqt is-smiegh u t-trattazzjoni ta' dil-kawza, din it-tifla mhix il-wild tal-esponenti;
6. Illi ghalhekk qed tigi pprezentata din il-kawza sabiex isiru l-appoziti korrezzjonijiet fl-Att tat-twelid tal-minuri EB.

Jghidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m' ghandhiex din l-Onorabbli Qorti;

1. Prevja kull dikarazzjoni ohra talvoltra mehtiega u necessarja tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri li twieldet 28 ta' Mejju 2018, ma hux l-esponent AB;

2. Konsegwentament, tordna lill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-Att tat-twelid nru; 3430/2018 tal-minuri msemmija EB, u partikolarment fil-kolonni ntestati; 'Taghrif Dwar; Isem u kunjom, Missier it-tarbija, id-dokumenti tal-Ideniita', Eta', Fejn Twieldu, joqoghdu, Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet', jigu kancellati dwak il-konnotati kollha li hemm imnizzla relattivi ghall-esponent.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 23 ta' Novembru 2018 fejn jesponi bir-rispett u l-Avukat Dr. Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonferma dan li gej :

1. Illi fil-mertu , l-esponent jiddikjara li mux edott mill-fatti kif gew dikjarati mir-rikorrent fir-rikors guramentat;
2. Illi stante s-suespost, l-esponenti ha konjizzjoni tat-Test genetiku, li gie pprezentat mar-rikors promutur u ghaldaqstant, jirrimetti ruhu rigward il-mertu tal-azzjoni odjerna, salv illi l-istess rapport genetiku jigi mahluf mit-tekniku;
3. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, ghandu ukoll jigi deciz b' mod definittiv liema kunjom ghandha tassumi l-minuri a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Illi finalment l-esponent dejjem minghajr pregudizzju ghas-suffiferit, jissotmetti li fi kwaunkwe kaz, l-azzjoni odjerna mhix attribwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponent, ghaldaqstat huwa ma ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti.
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat li l-konvenuta CD, ghalkemm ma gietx debitament notifikata skond il-ligi, dehret fis-seduta tat-13 ta' Frar 2019, fejn l-istess konvenuta ikkonfermat l-affidavit taghha u ddikjarat illi m'hix qed topponi ghall-azzjoni tal-attur.

Rat l-affidavit ta' Dr. Marisa Cassar (ID nru : 549275M), ipprezentat fis- 19 ta' Dicembru 2018 fejn ikkonfermat li AB ( ID nru : 518581M), mhux il-missier naturali ta' EB.

Rat l-affidavit tal-konvenuta CD, esebit mar-rikors promotur, fejn iddikjarat illi l-attur m'huwiex il-missier naturali tal-minuri E.

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-fatti tal-kaz m' humiex kontradetti mill-konvenuti, anzi hemm qbil bejn il-partijiet li l-minuri E m'hijiex il-wild naturali tal-attur AB. Apparti dan, hemm il-prova principali, id-DNA test, li jikkonferma dan kollu. Ghalhekk il-mertu tal-azzjoni tal-attur gie ampjament ippruvat. Oltre minn hekk, il-partijiet qed jaqblu wkoll li l-minuri tiehu kunjom ommha, sabiex issir il-korrezzjoni mehtiega fic-certifikat tat-twelid tal-istess minuri.

**DECIDE**

Il-Qorti ghalhekk taqta' u tiddeciedi l-kawza billi tilqa' t-talbiet tal-attur u per konsegwenza:-

1. Tiddikjara illi l-missier naturali tal-minuri E li twieldet 28 ta' Mejju 2018, ma hux l-attur AB;

2. Konsegwentament, tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jaghmel il-korrezzjonijiet kollha necessarji fl-Att tat-twelid nru; 3430/2018 tal-minuri msemmija EB, u partikolarment fil-kolonni ntestati; 'Taghrif Dwar; Isem u kunjom, Missier it-tarbija, id-dokumenti tal-Ideniita', Eta', Fejn Twieldu, joqoghdu, Isem u kunjom il-missier, u jekk hux haj jew mejjet', jigu kancellati dwak il-konnotati kollha li hemm imnizzla relattivi ghall-attur.

3. Tordna li kunjom il-minuri E jigi korrett fl-istess Att tat-twelid billi jigi kkancellat kunjom l-attur, cioe' B u minflok jitnizzel kunjom il-konvenuta, cioe' D.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati kollha mill-konvenuta CD.

**Onor. Imhallef Anthony Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**